# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erghba 27 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 5**

**Avviz numru 1797/97/SM**

**Nicholas Caruana**

**vs**

**Charles u Paul Polidano f'isimhom u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Polidano Bros. Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 t'Awissu ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx:**

1. **Ihallsu lill-attur is-somma ta' LM550 (hames mija u hamsin lira Maltin) jew somma ohra verjuri likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, in linea ta' danni sofferti mill-attur bhala rizultat tal-hsara volontarja kagjonata**

**minnhom fuq tlett karozzi propjieta tal-attur waqt li kienu qed jezegwixxu xogholijiet ta' skavar fuq bicca art il-Hamrun f'Marzu jew April tal-1997;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra tad-9 t'April 1997, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-31 ta' Lulju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenuti nomine eccepew is-segwenti:**

1. **Illi l-esponenti proprio m'ghandhomx x'jaqsmu max-xogholijiet in kwistjoni stante illi huma agixxew f'isem is-socjeta' esponenti u ghandhom jigu liberament illiberati mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta' esponenti ma taghtix u mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi kif ser jigi pprovat ahjar fil-kawza;**

3. **Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju x-xogholijiet huma koperti b'assigurazzjoni;**

4. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenuti proprio et nomine biss stante li dak ta' l-attur ghazel li ma jidhirx fid-seduta rizervata appozitament ghal dan il-ghan;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur kellu diversi ingenji go ghalqa ta' Ray Cushieri li l-istess sid iddecieda li jhammel u ghalhekk talab lill-attur jzgombra dawn l-ingenji mill-imsemmi ghalqa biex ikun jista' jsir dan;**

**2. Illi l-attur isostni li ghamel dak minnhu mitlub izda kien ghad fadallu tlett bicciet, senjatament "chassis" u zewg "bodies" ta' "Land Rover";**

**3. Illi meta l-attur mar ikompli jnehhi l-imsemmija ingenji sab il-"bodies" fuq indikati catti u x-"chassis" mghawweg ganc;**

**4. Illi jirrizulta li dan kien sar fuq struzzjonijiet tal-konvenut Paul Polidano li anke meta gie ikkuntattjat mill-attur wiegbu li ma kienx lest jistenna lill-attur inehhi l-affarijiet tieghu;**

**5. Illi l-valur ta' l-oggetti fuq indikati hekk danneggjati hu ta' hames mija u hamsin Lira Maltin, (LM550.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mill-analizi tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta li l-istruzzjoni inkriminanti nghatat minn Paul Polidano li dak il-mument kie qed jagixxi fil-kwalita' tieghu ta' rapprezentant tas-socjeta' Polidano Brothers Limited;**

**Illi jirrizulta li hu kien ukoll jaf li fl-ghalqa in dizamina kien hemm diversi ingenji proprjeta' ta' terzi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghaldaqstant, stante li ma jirrizulta xejn fil-konfront ta' Charles Polidano, din il-qorti tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, u dan kemm personalment kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta' Polidano Brothers Limited;**

**Illi mill-bqija, stante li t-talbiet attrici huma debitament pruvati fil-konfront ta' Paul Polidano f'ismu proprju u f'isem Polidano Brothers Limited:**

1. **Tiddikjara lil Paul Polidano f'ismu proprju u f'isem Polidano Brothers Limited responsabbli ghall-akkadut meritu ta' l-avviz odjern;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' hames mija u hamsin Lira Maltin (LM550.50,0);**

3. **Tikkundanna lil Paul Polidano f'ismu proprju u f'isem Polidano Brothers Limited biex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**